# MALTESE POETRY, 1960-1970

(*Abstract to the Maltese Text*)

By PETER SERRACINO-INGLOTT

THE decade 1960-1970 was marked by the belated growth of a 'modernist' school of poets in Maltese Literature. In the first edition (1948) of the representative anthology compiled by Professor Aquilina, *Il-Muża Maltija*, all 22 poets included wrote in verse-forms adapted from traditional Italian poetry. In the second edition (1964), 23 new poets were included, but of these only two, Achille Mizzi and the writer of this note, departed from the conventional forms. In the third edition (1970), 20 new names were added, of whom 6 can be counted as belonging to the 'moderns', while several others show the influence of the new trends. These figures show that, at last, Maltese poetry is breaking out of the isolation from the modern world which marked the first period of its growth.

Why was 'modernism' so late in coming to Malta? It is suggested that the characteristics of modem poetry required several conditions for its birth which were not until now fulfilled. Maltese society, culture, language and personality were still in a state which did not correspond to the situation elsewhere in the world where the typical poetry of our age was born.

In the first place, Malta was dependent on alien forces. There was hardly the possibility of an independent expression of the specific features of the national character. Of this, the Maltese language itself is the reflexion. It is a mixed semitic-romance language, and hence hard to fit into the verse-forms connatural to either Italian or Arabic. Only a very unsophisticated poet (Mary Meilaq) expressed herself in forms resembling (unintentionally) popular Arab verse, which remains largely unknown in Malta. All the others used Italian verse forms. It is only with the realisation of the distinctive character of the Maltese Language, which is a dialect neither of Italian, nor of Arabic, that the need for distinctive poetic forms came to be felt.

In the second place, Malta was still a 'closed' society, with a very ordered framework of existence, in which experience readily fell into a predetermined pattern established by long tradition and tight convention. To this, the 'closed' forms of traditional poetry conformed perfectly. The fixed units of expression, cast into closely-bound syntactical structures, in strictly-regulated order, reflected the social condition of pre-Second-World-War Malta. A word was bound to its neighbour in a dense cluster

rather like that of the family in which each individual member submitted his autonomy to that of the whole. The structure controlled all its elements – in the poem as in the social group. Meaning and strength lay in the *total*.

The breakdown of isolationism has led not only to the new realisation of the distinctive character of a nation moulded by the cross-fertilisation of many cultures of which its 'mixed' language is the clear reflexion, but also to the breakdown of the old social order. With this, Malta entered the general crisis of Western civilisation of which the Mediterranean was the cradle and is becoming once more a crucible. The 'open' forms of modern poetry are the expression of this situation in which the established, rigidly regulated patterns of existence are being disorganised and disintegrated, in an anxious search, both fearful and hopeful, of new or renewed ways of life.

There are no predetermined structures in the new poems, or at any rate, the overall structure is not the dominant factor in their making. Each word and image seeks to live with an autonomous and explosive inner force. Phrases do not seek to support and buttress the meaning of each other, but rather to clash dialectically and paradoxically. Each seems bent on emptying its neighbour of its sense rather than fulfilling it, on resonating singly in a kind of void, with empty space assuming the importance of silence in music, rather than on intertwining with the rest in a clearly defined and closely-bound texture. This breakdown of syntactical concatenation according to fixed rules appears readily to be the reflexion of the unknotting and unweaving of the former hard-set nuclei of social existence now rapidly although tardily occurring in our island, as it has already occurred elsewhere, and provoking similar poetic explosions.

No doubt, the Mass-Media have played a great part in producing this effect, and they have also clearly affected the new poetry, quite a portion of which was actually written for broadcasting, or even television, or for poetry-jazz recitation. Even when this is not the case, the 'mosaical' as opposed to the 'linearly-sequential' style of the new media (to use McLuhan's famous distinction) has clearly affected the writing of the new poetry in Malta even more, perhaps, than elsewhere.

However, the deepest source of the new poetry appears to be the crisis of the 'self'. A detailed analysis of three poems by three of the best of the new writers illustrates the spiralling down of this crisis into greater depths, from that of a painfully felt need of catharsis to that of inner division to that of disintegration. In Daniel Massa's *Abortion*, the poet identifies himself with the woman who has glorified in the creative power of her body, only to fall into the crime spelt out in the title. In

Mario Azzopardi's *Sitwazzjoni 10 Battal*, the poet sees himself hemmed in between figures signifying outworn patriotism, religion and art, anguished to be at the centre of the stage, uncertain whether he is a Judas or the recipient of enlightenment. In Achille Mizzi's *Enigma Variations*, two sides of the ego, roughly the Jungian *animus* and *anima*, are counterposed in two series of images, within each of which the craving for integration is very subtly suggested, but which remain opposed as two separate parts in the poem.

The following is the author's own translation of this last poem:

ENIGMA VARIATIONS

*Chiave di violino*

The flute spills technicolour bubbles of soap.
Reeds quiver and the virgin water lisps
through the rushes in the river.
The scent of a woman stabs the nostrils
like a stiletto.
In the aquarium of the brain
the passion flower oozes violet hues.
The air is a delirium with daubs
of indigo, violet, rose and blue.
My eyes melodramatic behold the moon
through a veil of tulle swooning
like a bride in an aura of silks enrobed.

*Chiave di basso*

The chasm echoes the laments
of plaintive cataracts falling
like vibrating cellos.
Corny hands unzip your spine
Out of forests ablaze run wild eyed beasts amok.
Those are not cherries
Those are bloated with venom.
You are gripped by the terror of crusty bastions
crumbling in the void.
A fly tremendous
buzzes a monotone of a hoarse trombone.
Warily walk on, lest you fall.
That is the shadow of a branch
not a dagger thrust behind your ear.

## MALTESE TEXT

### I: IT-TWELID TAL-MODERNIŻMU

Fl-egħluq tad-daħla li kiteb il-Professur Aquilina għall-ewwel edizzjoni (1948) tal-*Muża Maltija* (pp. xxi-xxiii) sogħbih dwar żewġ nuqqasijiet fil-poeżija li kienet inkitbet bil-Malti sa dak iż-żmien:

1. fil-poeżija Maltija kienet tinħass influwenza Taljana biss.
2. il-poeti Maltin kienu lkoll tradizzjonalisti.

Imbagħad fisser xewqa:

"L-esperimenti tekniċi magħmula minn G.M. Hopkins, Ezra Pound u T.S. Eliot u poeti moderni oħrajn swew biex għallinqas jikxfu setgħat ritmiċi ġodda gl-ilsien Ingliż u tixbih (imagery) meħud mill-ħajja ta' żmienhom. U dan hu dak li jiena nixtieq nara fl-ilsien Malti għax jiena nemmen li s-setgħat poetiċi ta' lsienna għadhom ma nkixfux għal kollox.

Għad hemm fl-ilsien Malti ilħna moħbija,
Għad hemm tnehid mhux mismugħ,
għad hemm irjieh mhux imħarrka,
għad hemm ġawhar mhux maħdum,
għad hemm blat mhux maqtugħ,
għad hemm deheb, fidda u metalli oħra mhux imsoffi.

Dawn għad jinkixfu kollha ftit ftit meta l-poeti bil-martell ta' teknika ġdida joħorġu minnu (l-ilsien Malti) ritmi ġodda, ritmi li bħan-noti ta' mużika mhix magħrufa, jfissru t-tqanqiliet kollha ta' qalb il-bniedem".

Nistgħu ngħidu li x-xewqa imfissra mill-Professur Aquilina 22 sena ilu bdiet titwettaq. Nibdew bl-istatistika, u ninqdew bil-*Muża Maltija.* Nistgħu nqisu l-għażla ta' min jidħol f'din l-antoloġija bħala ftit jew wisq l-att ta' rikonoxximent uffiċjali mill-kattedra tal-Malti li kittieb huwa "poeta" għallanqas jekk tħares lejh minn angolu soċjo-kulturali. Ingħid hekk, għaliex jidher li l-Professur Aquilina jfittex li jkun rappreżentattiv tat-tendenzi kollha li jilħqu ċertu livell aktar milli tal-gosti personali tiegħu. L-għażla ssir biex tagħti kwadru kemm jista' jkun oġġettiv ta' dak kollu li qed jinkiteb bil-Malti li jistħoqqlu attenzjoni u mhux biss ta' dak li l-aktar iħobb l-antoloġista.

Jekk nieħdu, għalhekk, il-Muża Maltija bħala xhieda, insibu li *fl-ewwel* ħarġa kien hemm 22 poeta. Dawn kollha kitbu bil-forom li nistgħu nsejħulhom "konvenzjonali" fis-sens li niddefinixxi minn hawn u ftit ieħor. Fit-*tieni* edizzjoni li ħarġet sittax-il sena wara, l-Prof. Aquilina daħħal 23 isem ġdid. Uħud minnhom kien ilhom jiktbu u setgħu daħlu fl-edizzjoni ta' qabel, iżda l-biċċa l-kbira kienu kittieba ġodda. B'dankollu tnejn biss ma kinux jużaw il-forom konvenzjonali. Huwa nteressanti li huma t-tnejn li jidhru l-aħħar fil-ktieb, għaliex kienu l-iżgħar

fl-età. Dawn it-tnejn kienu jiena u Achille Mizzi. Ma konniex aħna t-tnejn l-ewwel li bdejna niktbu bil-Malti fil-forom moderni, (fis-sens li ukoll niddefinixxi minn hawn u ftit ieħor). F'*Leħen il-Malti* kienu dehru u fi programmi fuq ir-Rediffusion kienu nstemgħu poeżiji oħra bi stil modern minn żgħażagħ bħal Joe Meilaq,[1] u wkoll minn poeti stabilliti bħal Ġorġ Pisani.[2] Iżda kienu waħdiet u baqgħu waħdiet il-poeżiji li dawn kitbu b'dan l-istil. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-ewwel spinta tal-moderniżmu fil-Malti ħadha ftit snin wara l-ewwel edizzjoni tal-*Muża Maltija* (1948) eżattament għoxrin sena ilu, iżda li l-impetus ta' dik l-ispinta baqa' dgħajjef. Kważi ħmistax-il sena wara, kien għad hemm żewġ ismijiet biss li l-Prof. Aquilina deherlu li kien jixirqilhom biljett tad-dħul fil-ktieb li nistgħu ngħodduh il-maqdes tal-*Muża Maltija* li tiegħu l-Professur huwa, biex ngħid hekk, il-kuratur ewlieni. Il-Kurrent Modernista sar qawwi fil-Malti biss f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena.

Ta' dan, ix-xhieda hija *t-tielet* edizzjoni tal-Antoloġija. Biss sitt snin wara t-tieni edizzjoni, żdiedu għoxrin niċċa oħra mal-45 ta' qabel fit-tempju tal-*Muża Maltija*. Mela issa, ħajjin u mejtin, ngħoddu 65. Mill-ġodda hemm sitta li jistgħu jitqiesu moderni fis-sens formali tal-kelma li qed nagħtiha jien; erbatax mhumiex. Huwa ċar li l-moderni fis-sens tiegħi għadhom minoranza. Iżda, fil-fehma tiegħi, qed iwettqu x-xewqa li fisser ftit aktar minn għoxrin sena ilu l-Professur Aquilina, u huma l-isbaħ tama għall-iżvilupp futur tal-poeżija Maltija.

M'hemmx dubju li dan l-iżvilupp irċieva l-ispinta li swiet biex mexa 'l quddiem f'dawn l-aħħar snin b'qawwa li ma kisibx meta jiena dħalt student l-Università ta' Malta għoxrin sena ilu, u qrajt għall-ewwel darba l-kliem tal-Professur Aquilina li bdejt bih, bis-saħħa tat-twaqqif tal-Moviment Qawmien Letterarju. Kien dan il-Moviment li għaqqad f'organizzazjoni li setgħet tagħmel ħoss lil dawk li riedu jġeddu l-kitba bil-Malti li kienet qiegħda tistagna, timrad b'deni rqiq li jifni, kważi qiegħda agunija, u jwassluha għall-irġulija. U fost l-individwi li ħaqqhom min isemmihom b'isimhom għall-fatt ta' dan il-Qawmien mil-lat organizzattiv, naħseb li huwa ġust li jintgħażel Victor Fenech, kemm għat-tieqa li fetaħ fil-ġurnaliżmu lokali, kemm bħala l-editur tas-serje ta' kotba li fihom ippubblika kwartetti ta' poeti ġodda, fosthom dak li ma' Achille Mizzi, wera (dejjem fil-fehma tiegħi) l-akbar potenzjalità – Daniel Massa. Fenech jistħoqqlu tifħir ukoll għall-kura li ħa għall-presentazzjoni tipografika. Dana mhux punt aċċidentali daqskemm jista' jidher – għaliex ħafna poeżija moderna miktuba biex tinqara bl-għajn barra milli bil-widna. Qabel nersqu aktar fil-qrib lejn il-kitba ta' dawn l-aħħar snin, jeħtieġ niddefinixxi d-differenza formali li jiena wżajt biex naqsam il-

[1] Ara *Leħen il-Malti*, 1952, p. 53, u 1953, p. 20.
[2] Ara *Ħsejjes f'Melodiji u Kuluri* (1953) p. 54.

poeti f'żewġ kategoriji – dawk li ħaddmu forom konvenzjonali u dawk li jużaw forom moderni. Din id-differenza hija deskrittiva, u mhux evalwattiva. Jiġifieri, b'daqshekk, m'inix naqsam il-poeti fin-ngħaġ fuq il-lemin u l-mogħoż fuq ix-xellug, bħallikieku kont l-anġlu bit-tromba tal-aħħar ħaqq. Miniex ngħid, "tal-ewwel it-tajbin; għalihom hemm is-sebħ tal-ħajja ta' dejjem; tat-tieni, l-ħżiena; għalihom hemm il-limbu fejn għad jintesew għal dejjem fin-nofs-dlam tal-indifferenza". Qiegħed ngħid biss li jiktbu b'forom ta' għamla differenti.

Il-forom tal-ewwel, dawk konvenzjonali, huma forom definiti, b'fasla fissa, forom maħkuma għal kollox minn struttura magħżula minn qabel, struttura mibnija b'diversi qisien, bħal m'huma l-metru, r-rima, u sistemi ta' kejl oħra. Il-qofol ta' din ix-xorta ta' kitba (il-poeżija konvenzjonali) huwa, fit-tifsira tiegħi, li taħdem b'unitajiet fissi tal-espressjoni. Id-densità tat-tifsira li toħroġ fin-nisġa tal-kliem titqassam b'regolarità fl-istrutturi sintattiċi. L-organizzazjoni tal-kliem isseħħ bħallikieku fl-ispazju tal-wiċċ. Kull kelma tidher u tgħib bħal waqt fi proċess; kull kelma tintrabat mal-oħra b'mod li tonqos bilfors il-forza awtonoma tagħha. Għalhekk is-siwi tal-kelma u t-tifsira jingħataw mill-istruttura. Hija din l-istruttura li taħkem taħtha kollha kemm hi l-poeżija konvenzjonali.

Il-forom tat-tieni, dawk moderni, mhumiex forom definiti minn regoli mfassla qabel. Mhumiex forom magħluqa fi struttura maħsuba minn qabel; jew, għallanqas, l-istruttura għandha piż imnaqqas għall-aħħar. Hija l-qawwa ġewwenija u splossiva ta' kull kelma u ta' kull xbiha li taħdem. Il-kliem kollu jrid ileħħ f'salt bħal kwantità ta' beraq li jilma f'sema iswed fl-istess waqt. Ir-rabta bejn il-kliem hija fis-simultanjetà tal-effett li jiġi milli jitqiegħed flimkien, aktar milli minn mixja lineari minn kelma għall-oħra, minn kunċett għall-ieħor, minn xbiha għall-oħra. Il-konkatenament tal-kliem mhux dak tar-raġunar loġiku jiżloq ħelu ħelu minn punt għall-ieħor b'passaġġi ċari; iżda x'aktarx ir-relazzjoni bejn il-kliem hija dijalettika, paradossali, tħobb il-kuntrasti, mqabbża u bejn il-kliem jibqgħu l-ispazji vojta, spazji vojta li fihom jidwi l-kliem, u anzi nasal biex ngħid li f'ħafna kazi m'għandhiex kelma li fuqha l-oħra tistrieħ, kelma tirfed lill-oħra, twettqilha tifsiritha, tiżżewweġ magħha fi frażi kompleta; iżda l-kliem jiltaqgħu qishom jitgħajru bejniethom, kelma turi li l-kelma ta' biswitha hi "vojta", kelma turi li l-kelma ta' maġenba "m'aħniex, miskina", bolqot, tilfet t-tifsira u is-siwi tagħha; f'kelma waħda, li l-lingwaġġ tal-bniedem marid, li l-kliem jinsab fi stat kritiku, li jeħtieġ it-tabib. Il-lingwaġġ huwa marid, għaliex il-komunikazzjoni umana hija marida; għax il-lingwaġġ huwa l-espressjoni tal-ħajja kommunitarja tal-bnedmin flimkien; għaliex din il-ħajja kommunitarja mhix tabilħaqq kommunitarja; għaliex il-bnedmin inqatgħu għal rashom, kull wieħed ifittex l-interessi egoistiċi tiegħu; għaliex il-valuri li kienu jor-

btuhom flimkien qegħdin fi kriżi; għaliex m'għadx baqa' dak li lkoll nemmnuh u rridu ngħixu skondu. Il-komunità umana ġiet atomizzata u saret soċjetà individwalista; u għalhekk il-lingwaġġ uman li huwa l-espressjoni ta' din il-ħajja ma setax jibqa' sħiħ. L-espressjoni tal-esperjenza fi struttura b'fasla fissa, mogħtija minn qabel mit-tradizzjoni, fejn il-kliem jitqassam b'regolarità b'nisġa skond sintassi li hija wirt komunitarju, fejn is-sens u s-siwi ta' kull kelma ġej minn postha fi proċess wieħed u sħiħ, miexi 'l quddiem b'mod lineari, f'kelma waħda, l-ħakma ta' kollox taħt struttura – dan jidher ipokriżija, falsità, inawtentiċità – għal min jgħix f'soċjetà fejn kull struttura hija fi kriżi, in kwistjoni. Il-poeżija li tesprimi l-esperjenza tal-bniedem sensittiv f'din il-kondizzjoni hija poeżija li ma jista' jkollha ebda matriċi.

M'hemmx dubju li biex ġrat din il-bidla swew mhux ftit il-mezzi elettroniċi tal-kommunikazzjoni – it-televiżjoni, u qablu ċ-ċinema. Tajjeb li nissotolinea li l-bidla li semmejt ma tfissirx li l-ħsieb tneħħa u minfloku fil-poeżija moderna nsibu n-nuqqas ta' ħsieb. Dak li qed ingħid hu li saret bidla fil-*mod* kif jiġi żvolt il-ħsieb. Il-poeżija, bħall-arti kollha ta' żmienna, tissawwar mod ieħor għax sirna naħsbu mod ieħor, mod aktar imgħaġġel, aktar sinkopat, aktar konċiż, aktar konkret, aktar kobba, aktar mqaffel, aktar kompless, aktar sintetiku, minn qabel. U dan kollu jfisser aktar, mhux anqas, *ħsieb*, għalkemm imfisser f'forom oħra minn dawk li drajna bihom fl-età tipografika, fiż-żmien meta l-mezz dominanti tal-kommunikazzjoni kien il-kitba stampata, fis-saltna tas-strazzjoni alfabetika, li illum niżlet f'post warrani u quddiem telgħu l-mezzi awdjoviżivi li jistiednu għal tisħib fil-proċess kommunikattiv bis-sensi kollha u qed ifasslu bniedem bi psikoloġija ġdida. Iċ-ċiviltà awdjoviżiva mhix il-kaġun tal-kriżi tal-kommunikazzjoni, iżda r-raġuni għaliex intbaħna bil-faqar tal-mezzi tal-kommunikazzjoni li konna ninqdew bihom fl-età tipografika. Mhux aċċident daqskemm jista' jidher – l-istess kif għedt għall-istess presentazzjoni tipografika tal-poeżija l-ġdida – li l-Moviment Qawmien Letterarju għażel ħafna drabi l-presentazzjoni tal-poeżija b'mod awdjoviżiv – kemm f'qari pubbliku fejn il-kelma tinstema' tidwi mill-ġdid fl-ispazju akustiku kif kienet mill-poeti primittivi, akkumpanjatha wkoll mill-mużika, u x'aktarx mill-għamla waħdanija ta' mużika moderna li żammet ruħ kommunitarja, l-*jazz*; jonkella fuq ir-radjo jew fuq it-television – għalkemm, ikolli ngħid, dawn il-presentazzjonijiet x'aktarx juru li għad ma ġewx tabilħaqq magħrufa u maħkuma sew il-possibiltajiet kbar ta' dawn il-mezzi biex jaħju mill-ġdid il-kelma poetika.

Għaliex il-moderniżmu dam daqshekk ma twieled u żviluppa f'Malta? Naħseb li r-raġuni l-aktar profonda hija li ma kienx hawn il-moħħ u r-ruħ miftuħa li titlob l-espressjoni fil-forom miftuħa. Konna magħluqin fil-qafas ta' soċjetà bi struttura fissa; konna ngħixu f'gaġġa għaliex ma

konniex s-sidien f'artna; konna l-ilsiera ta' istituzzjonijiet soċjali fejn il-ħsieb indipendenti kien isibha bi tqila biex jimrah b'mod ħieles, għalkemm impossibli dana qatt ma kien – kif jixhed il-fatt li imqar qabel il-gwerra kien hawn poeti li kitbu għalkemm sa fejn naf jien mhux bil-Malti, poeżija ħielsa u moderna. L-isem li għandi f'moħħi huwa dak ta' J.J. Cremona li dak iż-żmien kiteb bit-Taljan poeżija li kienet bil-lingwaġġ ta' żmienna, ħafna aktar minn dik tal-biċċa l-kbira tal-poeżija li għadha tinkiteb Malta illum. Fil-ħabs, fil-gaġġa, fil-qafas, fl-istruttura, mhux bilfors li l-moħħ jitjassar; iżda dak li jitħassar u jkun impossibli li tużah b'mod ħieles huwa l-ilsien, il-lingwa. Il-kondizzjoni tal-Malti bħala lingwa ma kinetx fi stat li tippermetti li titħaddem bil-mod modern; għaliex tista' titbiegħed jew tieħu libertajiet meta teżisti regola. Biex tiftaħ bieb jew tieqa jrid ikun hemm ħajt. Għal kuntrarju, fix-xagħri minghajr fruntieri m'hemmx jeddijiet; l-libertà qiegħda meta hemm fruntiera, u jkollok il-jedd taqsamha. Il-kittieba ewlenin riedu jibnu struttura, jfasslu regoli, jħażżu fruntieri, biex ta' warajhom ikollhom il-jedd li jaħkmu, jikkontrollaw, b'mod ħieles il-futur tal-espressjoni ta' ruħ il-poplu. Għalhekk il-veru rispett għalihom ma jintweriex billi timita l-forom tagħhom, iżda billi illum tuża l-possibiltà li ħolqu huma, u tivvinta l-ġodda.

Il-forom magħżulin mill-ewlenin poeti Maltin kienu dawk Taljani. Huwa kważi impossibli li tferra l-inbid ta' ilsien wieħed fil-qratel ta' ilsien ieħor bla ma tħassru. B'danakollu, lejn xiex setgħu jduru? Huwa fatt sintomatiku li l-unika persuna li, fil-ġudizju tal-Prof. A.J. Arberry,[3] resqet lejn il-forom tal-poeżija Għarbija kienet Mary Meilaq – poetessa mhix sofistikata intellettwalment, li l-produzzjoni tagħha hija qrib it-taqbil popolari u li kultant ipproduċiet ġawhar ta' umoriżmu intenzjonali (u mhux intenzjonali wkoll). Tabilħaqq la l-ilbies Taljan u lanqas qatgħa Għarbija ma kienet tixraq lill-ġisem Malti. Kellna nistennew fil-fatt sa l-Indipendenza Politika sabiex it-tiftix ta' forom Maltin seta' jsir mhux minn individwi iżolati li jipproduċu poeżiji bil-waħdiet, iżda biex jidher Moviment b'din l-intenzjoni ċara fil-kuxjenza tiegħu. Għalhekk il-poeżija moderna bil-Malti tingħażel mhux biss minħabba l-forma miftuħa mill-poeżija konvenzjonali magħluqa fl-istruttura, iżda tingħażel ukoll fil-kwalità ta' vokabolarju u ta' sintassi li tuża. Nieħdu l-ewwel l-aspett lessikali. Spiċċat il-kimera tal-Malti Safi, jiġifieri tal-Malti Għarbi, kif ukoll dik tal-Malti taljanizzat, u l-Malti tal-poeżija moderna huwa l-Malti mitkellem, imqar bi kliem barrani li mhux faċli jiġi assimilat fil-forom tipiċi tal-Malti tradizzjonali. Tabilħaqq, din l-assimilazzjoni tal-kliem modern, li kienet problema għall-pijonieri tal-poeżija moderna f'kull

[3]Introduction to 'A Maltese Anthology' (Clarendon Press, Oxford) p. XXXIV. Cfr. P. Grech, Introduction to 'Dun Karm' (C.U.P.) p. 23 and 26.

pajjiż, kienet doppjament diffiċli fil-Malti, għallanqas qabel ma dan kien assesta ruħu bħala lsien. Huwa l-mertu ta' Achille Mizzi li kien pijonier f'dan il-qasam. Għalkemm ir-riżultati tal-esperiment tiegħu fl-introduzzjoni ta' kliem iebes u twil ma kienux dejjem feliċi, wera t-triq. Iżda fuq dan l-iskoll, jibqgħu jaħbtu ħafna bastimenti li jsalpaw mingħajr attenzjoni biżżejjed. Hekk, biex nagħti eżempju, Mario Azzopardi, li, kif nerġa' ngħid 'il quddiem huwa wieħed mill-aħjar mill-poeti ġodda, jidneb sikwit b'dan il-mod. Naħseb li għandu ħakma aħjar tal-kelma Maltija Daniel Massa. Dana nistgħu narawh billi nagħrblu ftit eżempji millpoeżija ta' dawn it-tlieta. Huwa biss dan it-tagħrbil dettaljat, kelma b'kelma, li jiena ngħoddu kritika li tiswa.

## II: Tliet Poeżiji Moderni

Din hi poeżija ta' Daniel Massa:

### Abort

Mill-kappella qalb l-għelieqi
smajt il-għana tat-tfal żgħar
u f'qalbi beriktek, Mulej,
ma' l-inċens fuq l-altar.
Ma meta ħriġt ħafi
biex nara min għadda fil-Volvo spjetata
it-tarmak samatli riġlejja bin-nar.

Sabiħa bħal Venus de Milo
ix-xebba nklinata nofs nuda
taħt siġra ġo Eden iħammar pepprin.
Agħżluli vvinata biċċ'għuda
ħa nonqox it-torso t'Adonis u x-xebba msallbin.
Mis-siġra sverġnata qaċċtuli biċċ'għuda
ħa nberred iż-żina taħt siġar dellin.

Fil-kamra mudlama b'persjani magħluqa
fil-fwar li jgħakkisha,
duħħan li jaqtagħlha nifisha,
l-omm xebba titbandal mitluqa
biex teħles mill-ħlas ta' l-abort.

Mat-tielet siegħa
beżqitu fuq mewġa ta' lożor
l-omm xebba xewqana miċħuda bl-imrar
u n-nisa ġo sikta ta' dieqa b'passjoni
jitkarrbu l-mewt tat-tfal żgħar.

*Sawwtuni bil-virgi*
*bil-frieghi u l-qasab sawwtuni*
*biex neħles din l-art minn dat-tort.*
*Għakksuni, rażżnuni, feruni f'kuxtejja*
*fid-dawl tal-gandlieri feruni*
*biex neħles 'il ġensna mis-saħta u l-ħsara*
*u l-fwar ta' l-abort.*

Ksew il-ġisem bla isem b'petali pepprin
mal-karba li telgħet min-nisa mbikkmin,
u x-xebba bkiet sebat ijiem viżtu
nhar San Ġwann jaħraq il-frieghi
ta' siġar sverġnati mdellin.

Hija kumbinazzjoni forsi sinjifikattiva li l-ewwel poeżija li tiftaħ is-sezzjoni l-ġdida tal-*Muża Maltija* jisimha wkoll "L-Abort", bħal poeżija ta' Massa, u li s-suġġett interessa wkoll lill-poeti oħrajn. Hemm ħafna fatturi li jispjegaw dan l-interess. L-ewwelnett, l-istess possibiltà li teżisti illum li tikteb fuq suġġett li ċertament ftit snin ilu kien jitqies tabù, jew għallanqas ħadd ma kien jażżarda jittrattah bil-miftuħ u b'ismu. It-tieni, l-interess fis-sesswalità kien dejjem ħajta ewlenija fin-nisġa tal-poeżija, iżda illum ż-żgħażagħ iħarsu lejh mhux aktar imkebbeb fi ċpar romantiku, iżda jaraw aktar dik l-ambivalenza li fiha l-imħabba sesswali; l-aggressività minn naħa, is-sagrifiċju mill-oħra. Iżda ftit għandhom il-maturità li jittraduċu din l-ambivalenża f'nisġa simbolika tal-komplessità tal-poeżija ta' Daniel Massa.

Hekk l-ewwel poeżija li semmejt fiha biss denunzja tal-att. It-ton hu dak tal-moralista. Għalhekk għażel il-forma konvenzjonali, il-qafas tal-istruttura fissa fiha nfisha tgħid li hemm fuq naħa l-ideal li miegħu jid-dentifika ruħu l-poeta; ideal meqjus u regulat, bħall-forma li għażel; u minn naħa l-oħra r-realtà diżordinata tal-fatt li fuqu jitkellem. F'Massa il-firda hi ġewwenija fil-poeta. Tabilħaqq l-għażla tas-suġġett hi fiha nfisha xhieda ta' ċertu faxxinu moħbi, ċerta attrazzjoni sigrieta, ċertu seħer mistur tal-ġrajja. L-ambivalenza tinsab ukoll fil-kittieb u din ifis-sirha bit-tkagħbir ta' kliemu f'forma li ma tistax tingħalaq fi struttura fissa, iżda tisporġi minn kull naħa, b'mod li l-ħniena titħallat mal-is-tmerrija, l-akkuża tal-oħrajn titħallat mal-akkuża tiegħu nnifsu. Għaliex il-poeta jħoss din iċ-ċerta ġibda nkonxja, din l-ispeċi ta' identifikaz-zjoni li tibqa' biss nofsha mikxufa u nofsha sigrieta, bejnu, l-poeta, u bejn min iwettaq abort? Ix-xebħ bejn il-ħolqien tal-poeżija u l-ġeneraz-zjoni tal-ulied mhix ġdida. L-artist dejjem ħassu bħal mara tqila li jrid jeħles minn piż ta' ġo fih biex jagħti ħajja lil xi ħaġa li tkun projez-zjoni tiegħu nnifsu barra minnu nnifsu u li tista' tisfida ż-żmien b'ħajja

li ttul aktar minn tiegħu. Fl-istess ħin huwa dejjem ossessjonat mill-biża' tal-abort – l-abort magħmul bi tradiment jew b'aċċident, għall-flus jew minħabba l-biża' jew bin-nuqqas ta' responsibiltà, il-biża' li jpoġġi lilu nnifsu qabel l-opra. Din l-assoċjazzjoni bejn il-mara tqila u l-artist li jixbaħħa, l-artist li fl-opra tiegħu jagħti ritratt tiegħu nnifsu fl-istess ritratti tal-oġġett li jagħżel b'suġġett, toħroġ b'mod sottili fit-tieni stanza tal-poeżija ta' Massa.

*Sabiħa bħal Venus de Milo*
*ix-xebba nklinata nofs nuda*

Innutaw mill-ewwel ix-xebħ bejn il-mara u l-istatwa li hi l-figura eżemplari ta' suritha fl-arti.

*taħt siġra ġo Eden iħammar pepprin*

Innutaw hawnhekk it-tlaqqigħ taż-żewġ xbihat li minnhom toħroġ l-ambivalenza: l-Eden, il-ġnien tal-innoċenza ta' Adam u Eva, li fih iżda issa hemm il-pepprin, il-fjur li jfakkarna fix-xahar ta' Novembru, f'Poppy Day, fil-kampijiet tal-battalja tal-art fjamminga fejn il-gwerra ġabet tant imwiet, f'kelma waħda fil-mewt. Il-ħsieb mistur tal-mewt jisbokka bħal dik il-fjura li sima nafuha aktar spiss tal-karti jew taċ-ċarruta, mejta, biex titqiegħed fil-pavru tal-ġlekk, il-fjura tal-mewt tiela' fil-ġnien tal-imħabba innoċenti ta' Adam u Eva bħal ħaxixa ħażina, lewnha ħamra demm.

*Agħżluli ivvinata biċċ'għuda*
*ħa nonqox it-torso t'Adonis u x-xebba msallbin.*

"Il-jien" li jitkellem fil-poeżija huwa skultur, artist, irid jagħmel ix-xbiha tax-xena. Max-xebba li fl-ewwel vrus dehret waħidha fuq ix-xena, issa tingħaqad figura maskili. Iżda s-sbuħija tal-iġsma li hi l-ewwel sejħa għall-interess tal-artist, skultur, poeta, kien min kien, mill-ewwel tara fit-tlaqqigħ tal-iġsma ifeġġ sinjal ambigwu: is-salib. Il-figuri jissalbu l-ewwelnett f'sens fiżiku fil-ġest tal-laqgħa tal-iġsma; iżda l-isem ta' Adonis ifakkarna wkoll fil-persunaġġ klassiku, li mhuwiex biss it-tip tas-sbuħija maskili fil-poeżija klassika, iżda li ġie wkoll maqtul minn *ħanżir salvaġġ*. Venere xerdet xorb il-għasel fuq demmu u ħarġet il-kaħwiela (*anemone*). Persephone, is-sultana tad-dinja tad-dlamijiet fejn jgħammru l-mejtin, ma riditx iċċedih lil Venere. L-alla Zeus laħaq kompromess biex jaqsmu terz lil Persephone, terz lil Venere, u terz lilu stess. Il-kompless ta' ideat li jqanqal l-isem ta' Adonis (l-aktar għal min qara l-poeżija ta' Shakespeare fuq is-suġġett) huma kollha rilevanti; is-sbuħija fisika, il-qtil minn ħanżir selvaġġ, il-misteru tal-fertilità tal-art, id-demm li jnibbet fjura.

L-idea tas-salib hi wkoll ippreparata mill-idea tal-bicca ghuda li jitlob il-poeta, flok nghidu ahna rhama; u din il-materja vegetali iridha *ivvinata*, kelma li wkoll tqanqal assocjazzjonijiet differenti. L-ghuda ivvinata hija aktar difficli biex tahdimha – l-artist qed jitlob materja iebsa biex jissielet maghha, li tirrezistih bl-istruttura tan-natura taghha kontra li jtiha hu l-forma li jrid; mill-banda l-ohra, ivvinata tissugerixxi d-demm li se jgelben fis-sagrificju.

Huwa interessanti li l-persunagg li qed jitkellem jitlob lill-ohrajn, lilna, lill-"intom" bla isem, biex ahna jew huma naghzlulu, jaghzlulu l-bicca ghuda ivvinata. L-artist mhux padrun, f'dan il-waqt ghallanqas, li jaghzel huwa stess il-materjal tal-arti tieghu.

Tabilhaqq din hi l-kondizzjoni tal-poeta: il-materja li jrid ihaddem huma l-kliem, il-lingwagg li jsib, li taghtihulu s-socjetà, li ga jezistu qablu il-kliem mikul u mikdud bhac-caghaq bil-bahar gej u sejjer tal-uzu, il-lingwagg ta' zmienu u ta' artu; b'din il-materja li jircievi u mhux johloq hu jrid ifassal il-forma u jaghtiha s-sura li hija xoghlu.

Fl-istess hin, il-persunagg idur lejn l-ohrajn biex jissiehbu mieghu; idur lejn l-ohrajn ghaliex bix-xena ta' quddiemna tfantas, ghaliex kwazi nofsu mitluf minn sensih, ghaliex kwazi jinsab barra minnu nnifsu, ghaliex l-istat li jinsab fih huwa nofsu estasi u nofsu agunija, ghaliex f'dan il-waqt kreattiv mhux kapaci hu jiehu hsieb il-hwejjeg prattici bhal li jsib bicca ghuda, ghax f'mohhu f'dan il-waqt li huwa l-waqt tal-hlas ghalih ukoll hemm tberren biss il-forma li se johloq ta' din ix-xebba u ta' dan il-guvni, ta' din il-Venere u ta' dan l-Adonis, li mhumiex hlief il-Venere u l-Adonis ta' kull zmien, ta' dawn l-Adam u Eva li jinsabu msallbin.

Izda f'din il-kelma qed jissallbu flimkien ukoll zewg dinjiet, zewg kuncetti tal-hajja, zewg nahat jew qawwiet li jinsabu f'kull wiehed minnha u f'kull artist aktar mill-ohrajn: il-pagan u n-nisrani. Ix-xbihat biblici – Adam u Eva, is-Salib – jithalltu max-xbihat tal-mitologija pagana – Venere u Adonis – bhala zewg fatturi li holqu l-ambjent kulturali taghna fl-occident; l-umanizmu klassiku prezenti fl-istatwa ta' Venere li sabuha Milo u li tinsab oggett kwazi ta' kult religjuz imqar illum mitturisti li jzuru l-Louvre; prezenti fil-pepprin l-fjur li jitwieled millleghlieqi mdemma bil-gwerer il-kbar, fjura umli li harget minn demm Adonis, fjura li saret parti mill-kult tal-mejtin, li s-sagrificju taghhom sar ghall-fidwa taghna mill-aggressività pagana sfrenata fis-seklu taghna, tinfexx fil-vjolenza tal-gwerra u tal-eroticizmu bla razan.

Il-kelma "msallbin" hu bhal fus li fuqu jdur dawramejt il-hsieb, il-fehma, l-intenzjoni tal-poeta. Kien qed jitlob bicca ghuda biex jaghmilha statwa, jew opra tal-arti li turi s-sbuhija, bi tpaxxija estetika fix-xena senswali. Izda l-kelma "msallbin" bhallikieku taqliblu l-hsieb habta u sabta, bhallikieku f'salt wiehed tivvalorizza s-suggestjoni tal-

mewt li kien fih "il-pepprin", bħallikieku dikment tħoll tifsira waħda mill-ħafna mkebba tħammar quddiem għajnejh. U fl-istess leħħa, il-"jien" tiegħu jinqaleb ta' taħt fuq; u l-entużjażmu għax-xena jisfa' f'sens ta' ħtija, f'xewqa għat-tisfija, fi bżonn ta' purifikazzjoni.

*"Mis-siġra sverġnata qaċċtuli biċċ'għuda*
*ħa nberred iż-żina taħt siġar dellin".*

Il-biċċ'għuda ma jridhiex aktar biex jagħmel opra tal-arti iżda jew biex issir bastun biex issawwat bih, jonkella biex l-opra l-arti hi stess tkun mezz ta' purifikazzjoni, ta' katarsi. Kif seħħet din il-metamorfosi? F'mument, il-persunaġġ li jitkellem fil-poeżija ntebaħ li r-riżultat ta' dak l-att jista' jsarraf abort. Hekk ra l-aspett l-ieħor tal-att li għall-ewwel kienet inkixfet biss is-sbuħija fiżika tiegħu, u issa nkixef il-ġewwieni ikrah, imħassar, tal-biża' tiegħu. U allura jrid ineħħi s-saħna, ifittex il-paċi u l-kwiet mill-ġdid, il-ħeba u s-satra "taħt siġar dellin".

Dik hi analisi dettaljata ta' biss stanza waħda mis-sitta li fiha l-poeżija ta' Massa. Imma naħseb li tagħtina ħjiel biżżejjed biex tiftiehem tajjeb kollha. Il-ħsieb tiegħi f'dan il-kontest ma kienx li ngħarbel din il-poeżija kollha kemm hi, imma li nipprova nuri għaliex it-tema tal-abort seta' jkun wieħed li jappella għall-poeta. Ridt nuri li dan l-appell x'aktarx għandu l-egħruq f'ċerta identifikazzjoni li bla ma jrid l-artist jagħmel mal-mara li taqa' f'dan il-att, u dana jispjega għaliex ikun kapaċi joħroġ poeżija awtentika, li jħossha tabilħaqq. Iżda jekk jipprova jaħbi dan is-sens sigriet ta' kompliċità, dan is-sentiment li hu jaqsam ċerta responsabilità, li teżisti ċerta rabta ta' solidarjetà bejnu personalment u bejn il-persunaġġ li qed jikteb fuqu, r-riżultat ikun it-ton moralistiku, d-distakk u l-effett kontroproduċenti tal-ewwel poeżija li semmejt u li ma fihiex il-komplessità tat-tieni poeżija. Il-firda li jħoss il-poeta modern hija firda li teżisti fih innifsu, u mhux firda bejnu u bejn l-oġġett – suġġett li qed jikteb fuqu. Għalhekk il-forma li jagħżel mhix dik ta' struttura bl-unitajiet tal-espressjoni iffissati minn qabel. Ma jridx jassumi li fuq naħa, n-naħa tiegħu, n-naħa li tagħha l-forma tal-poeżija hija espressjoni, kollox tajjeb, u hemm naħa oħra, n-naħa li tagħha l-kontenut tal-poeżija (f'dan il-każ) hija l-espressjoni, li hi għal kollox ħażina u barranija għalih. Għalhekk bilfors jagħżel l-forma miftuħa, l-forma bil-qafas nofsu mġarraf. Hija l-fedeltà għal mod kif iġarrab il-fatti, l-ħajja, d-dinja li ġġagħal il-poeta modern ifittex u jsib forma li tfisser din il-kompliċità tiegħu fil-kriżi tal-lingwaġġ, li hi l-kriżi tal-kommunità. Jekk ma jagħmilx hekk, iħoss li jkun ipokrita, jew qed jistaħba mill-fatti kif inhuma.

Neżaminaw issa poeżija ta' Mario Azzopardi:

SITWAZZJONI 10 BATTAL

ix-xena suldat bi tlieta mitluf f'tarf kantuniera
f'kingsway jhewden xmara ta' demm fl-isfond qassis
bla xagħar f'estasi ma' santa margherita w fuq
is-sekondo programma iva zanicchi titbandal blue beat fil-platea

filliera siġġijiet battala
l-palk jixgħel is-sistema
ta' l-egucentriżmu f'nofs
il-palk hemm
jien

marsus bejn is-suldat u l-patri u l-minidjul t'iva zanicchi
id-dwal jinxtegħlu b'leħħa u l-verità tivvibra ġġenġel
fil-labirint ta' moħħi
f'id waħda nċekċek il-flus taċ-ċaħda
fl-oħra l-akkwist tad-dehen u l-fehmiet ġodda.

Fl-ewwel parti, jidħru tliet persunaġġi. Fihom nistgħu naraw tliet rappreżentanti ta' taħsir l-imgħoddi. Is-suldat ifakkar fil-vjolenza tal-gwerra, l-isfigurazzjoni tal-imħabba ta' art twelidek fl-aggressività. Il-qassis "bla xagħar f'estasi ma' santa margherita" jieħu l-ħsieb għal fuq ir-reliġjon emottiva, li tista' tkun maskra, flok sublimazzjoni awtentika, tax-xewqat sesswali. Il-kantanta tevoka s-sess mingħajr maskra, iżda fuq kollox l-arti imraħħsa għal skopijiet kummerċjali.

Dawn it-tliet temi – il-forom karikaturali tal-patrijottiżmu, tal-fidi, tal-arti – huma mill-aktar spissi fil-poeżija ta' Azzopardi. Inħarsu lejhom fuq, fuq.

Waħda mill-poeżiji tiegħu li l-aktar għamlet kjass hija sewwa sew "Assedju – stil 1967" fejn jagħti l-impressjoni li l-ġlieda bejn il-kavallieri ta' Malta u t-Torok tilfet kull tifsira għall-ġenerazzjoni li qed tara 'l pajjiżna assedjata minn kriżi ġewwenija tal-valuri. L-indifferenza lejn il-ġlieda tal-imgħoddi twassal, fl-aħħar vers tal-poeżija, għall-mistoqsija:

*l-alla tal-bieraħ jew hemm alla ġdid?*

Ir-reliġjon tradizzjonali hija sikwit ippreżentata bl-ironija minn Azzopardi, għallanqas, kif tidher inkarnata fil-persunaġġi tipiċi li jurina, l-aktar il-qassisin:

*żewġ qassisin b'espress bir-ragħwa*
*jikkuntemplaw il-vantaġġi sottili*
*ta' l-uniformi l-ġdida tal-kleru*

Il-kelma "ragħwa" tevoka s-soltu r-rabbja – il-bniedem bir-ragħwa

f'ħalqu. Iżda r-ragħwa f'ħalq dawn iż-żewġ qassisin mhix ġejja mill-passjoni ġewwenija li tfur kontra l-inġustizja bħal fil-profeti. Ġejja mill-kafé li jixorbu. Hija vojta. *All passion spent*. Fejn tieħu "espress"? X'aktarx għand Cordina. Iż-żewġ qassisin huma frekwentaturi tal-kafeterija fejn tpaċpaċ fil-vojt is-soċjetà. U l-oġġett tal-"kontemplazzjoni" tagħhom mhux Alla, iżda l-ilbies, il-moda ġdida klerikali, sewwa sew fuq l-istess livell tat-tfajliet. Ma jtinix x'naħsbu li l-"vantaġġi sottili" li qed jaraw fil-qalziet flok id-dublett bħala l-abitu tagħhom huma pastorali. "Is-sottiljezza" tal-ħsieb ta' dawn l-imħuħ imrawwma bil-filosofija u t-teoloġija skolastika, medjoevali, hi moħbija għall-poplu. Iżda forsi l-aktar frażi sinifikattiva f'dawn it-tlett vrus hija "uniformi ġdida". Bil-bidla tal-ilbies li ġiet mal-"aġġornament" tal-knisja, mhix il-personalità individwali tal-bniedem li qed tiġi ivvalorizzata. Il-libsa l-ġdida, bħal qadima, hija biss "uniformi". Il-ġdid jinsab biss fil-bidla minn konformiżmu wieħed għal konformiżmu ieħor. M'hemmx veru tiġdid ġewwieni. Hawnhekk Azzopardi jagħmel użu tassew sfiq tal-potenzjalijiet ironiċi tal-kliem (saħansitra l-kelma "espress" tibda, f'dan il-kuntest, tferfer u tfur b'kotra ta' evokazzjonijiet). Iżda, fl-istess ħin, jikxef il-limiti tal-ironija. Il-persunaġġi tiegħu huwa *tipi*, mhux individwi. Rari jagħti stampa ta' persuna tassew individwalizzata. Għax ma jeżistux? Jew għax hu stess huwa xi ftit mittieħed mill-marda li qed jiddijanjostika? Jista' jkun li hawn nuqqas ta' persuni b'individwalità spikkata, iżda jista' jkun ukoll li hawn nuqqas ta' persuni li kapaċi jilmħu u jisiltu xbihat tal-kwalitajiet individwali tal-persuni ta' madwarhom. Il-ħarsa ironika għandha kważi bilfors il-limitu ta' ċerta superfiċjalità li ma tinżilx trampel f'qiegħ il-ġibjun tal-qalb, iżda tobrox biss il-qoxra tal-wiċċ. L-ironija għandha s-setgħa tneżża' l-maskri, iżda mhux b'daqshekk bilfors toħroġ fil-beraħ il-wiċċ ġewwieni tal-oġġett li jaqa' taħtha.

Il-poeżija ta' Azzopardi qisha *album ta' snapshots*, ritratti miġbudin f'radda ta' salib (jew f'ħin kemm tlissen dagħwa). U mhux studjati bis-sabar ta' fotografu fl-istudjo. U kultant ir-riżultat joħroġ aktar effettiv. U kollha f'salt, f'sensiela diżorganizzata, joħolqu xbiha tal-ħajja diżorganizzata, kif jaraha huwa. Il-ħila kbira tiegħu hi fil-bidla ta' fatt banali f'fatt sinjifikattiv, ta' dettal ċkejken f'simbolu, permezz tal-ironija. Il-poeżija tiegħu mhijiex biss kwadretti mill-ħajja, għax it-tpinġija hija ironika. Hija MINI-PITTURA, ekwivalenti modern ta' ħafna minjaturi medjoevali. L-eloġju tal-ironija li għamel Kierkegaard hija forsi l-aħjar apoloġija tal-poeżija ta' Azzopardi. Kierkegaard wera li l-ironija hija l-element komuni bejn Kristu u Sokrate. L-ironija hija l-għadu tal-fanatiċiżmu kemm reliġjuż, kemm politiku. (Ara: *Tgħidilhomx li ġejt*).

B'dak li hi, billi teżisti, għax qiegħda hemm, il-poeżija ta' Azzopardi

hi kritika, hija ironija, fuq il-bombastiċiżmu, fuq l-awliċità, fuq ir-retorika minfuħa tal-poeżija tal-ġenerazzjoni ta' qabel. Iċ-ċokon tagħha jixli l-prużunzjoni għall-kobor ta' min bilkemm twieled u qies ruħu ġgant. Fuq dan il-fus iduru ż-żewġ partijiet li jmiss, wara l-preżentazzjoni tat-tliet persunaġġi li tibda bihom, tal-poeżija li bdejt ngħarbel.

filliera siġġijiet battala
l-palk jixgħel is-sistema
tal-egucentriżmu f'nofs
il-palk hemm
jien

Hawnhekk għandna eżempju tal-*projective verse* li, wara l-Amerikani, uża wkoll fil-Malti Albert Marshall u li dwarha ktibt fid-daħla għall-ktieb ta' Friggieri, Marshall u Borg, "Dħaħen fl-Imħuħ". Dan l-eżempju huwa wieħed mill-aktar effettivi fil-ħolqien ta' effett visiv sinjifikattiv f'poeżija miktuba bl-intenzjoni li tinqara stampata. Il-versi huma stampati b'effett ta' piramida rasha 'l isfel li l-apiċi tagħha huwa "l-jien" – xbiha visiva tal-egoċentriżmu paradossali li qed jistqarr u jmaqdar fl-istess ħin il-kittieb. Il-"jien" huwa "projettat" fiċ-ċentru. Għandu mnejn li hawn ftit retorika żejda f'dawn il-versi. Ma setax il-poeta ikkontenta ruħu billi wera l-egoċentriċità bil-forma kompożittiva biss, bla ma qagħad joqgħod jgħidilna wkoll espliċitament "jixgħel l-egoċentriżmu"? Bħal meta fuq il-palk, jekk attur ibus lil attriċi, mhemmx bżonn jgħidilha wkoll "jiena inħobbok" – sakemm ma hemmx xi raġuni oħra barra t-turija tal-imħabba. Forsi hawnhekk, il-poeta ried sewwa sew jironiżża fuqu nnifsu bl-enfasi esaġerata. Wara kollox, qed ipinġi lilu nnifsu jirreċta parti fuq palk immaġinarju.

Fit-tielet u l-aħħar parti, tal-poeżija, naraw li l-"jien" projettat fiċ-ċentru mhuwiex jien imwaħħad, iżda jien mifrud. Il-poeta ma jħossux komdu, żgur minnu nnifsu, ċert mill-posizzjoni tiegħu, kuntent biċ-ċaħda tal-imgħoddi jrossu minn kull naħa,

*marsus bejn is-suldat u l-patri...*

anzi jara lilu nnifsu, minn naħa, "iċekċek il-flus taċ-ċaħda", jiġifieri qisu Ġuda, bl-ambigwità taċ-*ċekċik* tal-flus (kuntent bihom, iżda piz fuq il-kuxjenza). Mill-oħra, jara "l-akkwist tad-dehen u l-fehmiet ġodda". Hija aħjar hawnhekk il-kelma "akkwist" minn "kisba"? X'aktarx iva (naħseb) għaliex hija aktar użata mill-Maltin f'kontesti *ironiċi* mill-kelma semitika. Iżda, aktar mill-vokabularju, għandha piz l-istruttura sħiħa tas-sentenzi, jew aħjar id-destrutturazzjoni tagħhom. Azzopardi jrid jagħtina dehra ta' dinja atomizzata, li mhix għajr il-projezzjoni tad-diskontinwità tal-"jien", tal-multipliċità pirandelljana tal-personalità

bil-ħafna uċuh kontradittorji tagħha, u t-tnejn jieħdu sura fid-diskontinwità tas-sintassi.

Il-binja loġika tas-sentenza tradizzjonali – is-suġġett u xi ħaġa predikata minnu – kienet rifless ta' realtà li dehret li għandha struttura loġika. Il-binja tal-poeżija b'regolarità aqwa mill-proża, b'simetriji aċċentwati bil-kejl tal-metru u d-diwi regolari tar-rimi, kienet tiddramatizza din ix-xbiha ta' moħħ il-bniedem jaħkem bl-organizzazjoni razzjonali lid-dinja. Dan is-sens ta' sigurtà jidher illum suppervja – is-suppervja ta' Humpty Dumpty li waqa' u sar bċejjeċ u ebda kolla ma hemm biex jissewwa. Din hi r-realtà li jara u jiddeskrivi ironikament Azzopardi: dan jiddramatizza bit-tfarrik tas-sentenza, bl-arbitrarjetà tat-tqassim talvrus, bl-istramberija tat-tlaqqigħ tax-xbihat. Iżda hemm fil-fond nostalġija għall-ordni – li tidher fit-tfittix u kultant (għalkemm rari) fis-sejbien ta' passaġġi armonjużi, qalb id-diżordni u d-diżorganizzazjoni tal-ħajja.

Għal Azzopardi, l-poeta x'aktarx jidher impotenti. Bħal ħmar ta' Buridan, imut bil-ġuħ bejn iż-żewġ qatgħet silla għaliex ma jistax jaqtagħha liema jiekol minnhom. Iżda mhux għax it-tnejn tajbin indaqs. It-tnejn huma ħżiena. Ta' dan il-poeta huwa kuxjenti, u minħabba din il-kuxjenza jingħażel għalih. Huwa l-bniedem li JARA. Azzopardi jpinġih:

> "għejnejh imqabbża bħal ta' żrinġ
> bajd moqli jogħla fit-taġen".

Jara mqar lilu nnifsu ironikament, xejn anqas minn kulħadd ieħor. U b'din l-ironija, juri li wara kollox huwa l-werriet tal-kultura oċċidentali; għaliex, kif għedt, l-ironija hija fatt li jorbot flimkien lil Kristu u lil Socrate, iż-żewġ figuri li jirrappreżentaw iż-żewġ għejjun tal-kultura tal-Mediterran, l-istess kif f'Massa dawn iż-żewġ għejjun iltaqgħu fit-tlaqqigħ tax-xbihat insara u tax-xbihat tal-mitoloġija klassika. Il-Moderniżmu għandu l-egħruq fit-Tradizzjoni, fl-aħħar mill-aħħar.

Naqraw issa poeżija ta' Achille Mizzi:

### ENIGMA VARIATIONS

*Chiave di violino*

Bżieżaq imlewna tas-sapun il-flawt iżellaq
Titriegħed il-qasba
u jpespes fix-xmara l-ħasur
bl-ilma ġieri.
Fwieħa ta' mara tinfed l-imnifsejn bħal stallett.
Ġol-vaska tal-moħħ warda
lewn vjola terħi.
Kullimkien tiċpis ta' lwien ħamrana

indigo, vjola, roża u lelà.
Ġol-filoxx l-għajnejn jaraw
bħal għarusa l-qamar
imgeżwer f'raġġiera ta' ħarir bajda.

*Chiave di basso*

Il-ħondoq jonfor id-diwi taċ-ċarċara
bħal żarżir ta' kuntrabaxx.
Kallijiet ħorox joborxu l-medda tas-sinsla.
Foresti jaqbdu u dbieb mgħaddbin jaħarbu.
Dik mhix ċirasa
dawk boċċi ħomor tal-velenu.
Twerwir ta' swar moħfija minn ġewwa
sa jinfaqgħu fix-xejn.
Naħla kbira monotona
iżżanżan nota ta' trumbun maħruq.
Imxi u ara taqa'
Dak dell ta' zokk mhux sejf wara widintek.

L-isem tal-poeżija jirreferixxi għall-biċċa mużika ta' Elgar, iżda naħseb li aktar għall-kelma Enigma milli għal dak li fiha l-mużika, jew aħjar għat-tema ġenerali tal-ambivalenza. (Mizzi ta' b'isem lill-ktieb kollu tiegħu "L-Għar tal-Enimmi"). Għalih l-Enimma hija l-personalità tal-bniedem, jew aħjar il-bipolarità li hemm f'din il-personalità. Iżda dak li hu l-aktar interessanti huwa li l-*jien* issa lanqas biss jissemma!

Fl-ewwel parti, *chiave di violino*, Mizzi jevoka l-innoċenza tat-tfal, "bżieżaq imlewna tas-sapun", bis-sbuħija safja iżda li malajr tgħib tagħhom, l-ideali mlewna li noħolmu fi tfulitna, ta' ħolqien li jista' mill-ġdid isir ġnien tal-eden, iżda dan jiġri biss fl-immaġinazzjoni; imbagħad joħodna f'pajsaġġ idilliku qisu eġizzjan, mill-ġdid fl-atmosfera tal-bidu tal-istorja, tal-ewlieni:

*Titriegħed il-qasba*
*u jpespes fix-xmara l-ħasur*
*bl-ilma ġieri.*

Ġiri tal-ilma safi, u sens ta' fraġilità fil-qasba titriegħed. Is-sens ta' theddida moħbija malajr jintensifika ruħu mit-tpespis, kelma li ġa ssemgħalna, fil-moħbi u bil-mod, forzi li jqajmu suspett, għal:

*Fwieħa ta' mara tinfed l-imnifsejn bħal stallett.*

Il-paċi issir ambigwa, malli tinħass il-presenza tal-Mara. "Fweħitha" tiġbed, seduttiva, nebbiexa, tentatriċi. Tidħol magħha x-xbiha tal-vjo-

lenza. L-*istallet* hu l-istrument li jinfed il-qalb fl-istejjer ta' tradimenti melodrammatiċi jew fis-simboliżmu reliġjuż tax-Xebba-Omm, it-tieni Eva, id-Duluri.

*Ġol-vaska tal-moħħ warda*
*lewn vjola terħi.*

Il-Warda hija s-simbolu tradizzjonali tal-imħabba fil-poeżija minn Dante sa T.S. Eliot. Hawnhekk qiegħda ġo "l-vaska tal-moħħ". Tgħix biss fil-fantasija li sqietha bl-ilma, forsi daqsxejn qiegħed, daqsxejn aħdar, mhux għal kollox trasparenti, bħal ma jkun f'*vaska* (b'kuntrast ma' "l-ilma ġieri" tax-"xmara" li ssemma eżatt qabel ma ltqajna mal-Mara). L-ilma hu dejjem sinjal ambigwu: min-naħa tal-kreattività, għax jagħti l-ħajja; tal-*qirda*, għax jgħarraq u jmermer, mill-oħra. F'din "il-vaska tal-moħħ", il-warda: "lewn vjola terħi". Il-lewn tal-penitenza il-lewn liturġiku tar-Randan u tal-Avvent, l-aħmar tal-imħabba imħallat bil-blu (il-lewn li ta' ismu lil mużika tal-qalb mifnija tas-suwed). Fl-imħabba, donnu daħal il-kumpless tal-kulpabilità, is-sens tal-ħtija, il-bżonn tas-satra, tal-ħeba, tat-tpattija. F'poeżija oħra, jisimha "Hsibijiet ta' Warda Hamra Nar", Mizzi jgħid:

*Għajnejn iż-żgħażagħ joħolmu*
*bl-aħmar li jitbissem fil-moħba ta' sider...*
*Il-ħolma sesswali tinfetaħ imlewwma*
*bħal denb il-pagun.*

F'din, jara, wara l-warda li terħi l-vjola:

*Kullimkien tiċpis ta' lwien ħamrani,*
*indigo, vjola, roża u lelà.*

L-aħmar jinfexx f'ilwien oħra, iżda mhux bil-glorja tad-deheb u l-varjetà ta' denb il-pagun, iżda biss fil-medda tal-aħmar, imħallat mal-blu. Il-litanija tal-ismijiet ta' ilwien, bir-ripetizzjoni ta' "vjola", tenfasiżża l-femminilità tal-atmosfera, bl-evokazzjoni ta' dawn l-erba' lwien delikati, rotob, imħalltin. Iżda din il-ħlewwa b'ħajta swied il-qalb, din il-ġentilezza daqsxejn melankonika tagħhom mhix ħlief "tiċpis" il-ħmura tal-warda. Fil-poeżija "Mara", Mizzi ra:

*mal-qamar kwinta titbewwes*
*il-warda bajda*
*femminili,*

u, wara l-warda u l-ħmura din id-darba:

*Ġol-filoxx l-għajnejn jaraw*
*bħal għarusa l-qamar*
*imgeżwer f'raġġiera ta' ħarir bajdan.*

Il-qamar ukoll huwa simbolu tradizzjonali fl-arti u fir-reliġjonijiet tal-femminilità. Hekk naraw li kważi bla ma dehret, f'paċi bilkemm minfuda minn ħjiel ta' vjolenza, għaliex min ltaqa' mal-mara deher għadu innoċenti, mix-xmara tal-bidu li issa tfakkarna fi vrus oħra ta' Mizzi, fejn il-partijiet jidhru maqluba:

*Xmara bla sabar ir-raġel imqareb*
*imma l-mara l-baħar tal-mistrieħ*
*li minnha l-bidu u t-tmiem*

għall-għarusa tat-tmiem, saret bħal fużjoni tal-maskili u tal-femminili. U "ġol-filoxx... f'raġġiera" huma kliem li joħroġ mill-memorja l-vrus ta' *Paradiso:*

*..... xtaqt kont .....*
*raddiena ta' dawl ġol-filoxx.*

Bla ma qatt semma' il-jien, fis-subkonxju fejn hemm il-memorja tal-vrus mill-poeżiji l-oħra ta' Mizzi, kif ukoll ix-xewqat bl-egħruq l-aktar imxenxla fil-fond u fis-sigriet tal-ħamrija ta' qalb il-bniedem, inħossu bħallikieku l-presenza ta' persuna moħbija, n-nostalġija għas-sigurtà tal-ġuf, il-poeżija tat-tqala. Mill-ġdid niskopru t-tematika u l-analoġija li ġa sibna f'Massa. Hawnhekk huma ħafna aktar imtaħħta u sottili, iżda bnadi oħra fil-poeżija ta' Mizzi jidhru għalkollox mikxufa w espliċiti. Hekk tintemm l-ewwel parti: *chiave di violino.* Ma naħsibx li hemm għalfejn inkompli nifli bid-dettalji kollha l-iżvolġiment tat-tieni parti: *chiave di basso.* Insibu l-istess inkontru, b'ton aktar ta' skontru, bejn l-innoċenza u s-sesswalità. Din id-darba il-presenza tal-persuna, li tibqa' qatt ma hi msemmija, aktar tinħass, għax fl-aħħar żewġ versi, tiġi ndirizzata: "Imxi u ara taqa'". Mhemmx dubju li dan hu tfajjel jew żagħżugħ innoċenti li qed jiġi indirizzat. Iżda din id-darba l-avventura tiegħu bdiet f'atmosfera ta' biża', mhux ta' sliem, evokat b'onomatopeja fejn l-erba' "o", tal-ewwel segwiti minn c-r, c-r; z-n, z-n; a..xx, bħal diwi ta' il-miet.

*Il-ħondoq jonfor id-diwi taċ-ċarċara*
*bħal żarżir ta' kuntrabaxx.*

Imbagħad żewġ vrus li jagħtu, tal-ewwel dehra ta' realiżmu estrem u ardit, u tat-tieni t-trasformazzjoni tiegħu fix-xbiha danteska tas-"selva oskura", iżda li ħadet in-nar;

*Kallijiet ħorox joborxu l-medda tas-sinsla*
*Foresti jaqbdu u dbieb mgħaddbin jaħarbu.*

Fl-ewwel parti, bdejna bis-sliem u fih iddefset l-ambigwità; fit-tieni

parti, nibdew bit-terrur u bl-ambigwità fejn dak li jidher tajjeb, jista' jkun ħażin, kif il-leħen li jkellem lit-tfajjel (jew wieħed mill-ilħna, mill-ħafna li forsi qed jisma' jsefsfu fil-kuxjenza tiegħu) iwissih:

*Dik mhix ċirasa*
*dawk boċċi ħomor tal-velenu;*

iżda nispiċċaw b'ambigwità f'sens kuntrarju: dak li deher ħażin, huwa tajjeb:

*Dak dell ta' zokk mhux sejf wara widintek*

Is-"sejf" ta' issa jfakkarna fl-"istallett" (ta' fwieħet il-mara) tal-bidu. Huwa diffiċli li ma tarax simboliżmu sesswali fix-xbihat tal-vrus li jsegwu: "swar moħfija minn ġewwa" u n-"naħla kbira", li tfakkar fis-"Sunday Morning Service" ta' T.S. Eliot:

*Along the garden-wall the bees*
*With hairy bellies pass between*
*The staminate and pistillate,*
*Blest Office of the epicene.*

Huwa diffiċli wkoll meta taqra din il-poeżija li ma taħsibx fl-*Animus* u l-*Anima* ta' C.G. Jung, il-forza maskili aggressiva, u l-grazzja femminili passiva, li skond il-psikanalista svizzeru, jingħaqdu f'proporzjonijiet diversi biex minnhom toħroġ il-forma tal-imħabba, li hija s-setgħa dinamika ta' kull personalità fl-iżvilupp tagħha lejn l-integrazzjoni, f'unità sħiħa, tal-"jien", bil-kwalitajiet kollha tiegħu.

Il-punt l-aktar interessanti, f'din il-poeżija, huwa li l-"jien", jew is-soġġettività, baqgħet il-qofol, iżda lanqas biss tissemma'. Għandna stadju aktar avanzat fl-iskomparsa, fid-disintegrazzjoni, fit-telfien tal-personalità minn dik li kellna f'Azzopardi, li kienet tarġa' aktar 'l isfel fil-kriżi mħabbra f'Massa.

Il-"jien" li jitkellem fil-poeżija ta' Massa huwa bħal dak ta' Hamlet – jiġifieri qiegħed hemm, m'għandux dubju li jeżisti, iżda jiddibatti fih innifsu, jiddjaloga bejnu u bejn ruħu jekk *għandux* jeżisti, għaliex huwa konxju (b'kuxjenza li ssofri minħabba dan) tal-firda jew qabża bejn il-kif inu u l-kif imissu jkun, bejn il-verità ideali u l-verità tal-fatti.

F'Azzopardi, għandna firda aktar profonda, għaliex m'għadux jaf liema hu l-ideal. Qed jara żewġ direzzjonijiet opposti jiġbduh u jimbuttah t-tnejn sewwa sew fuq il-livell tal-ideal. U dan iħossu jifirdu mill-oħrajn, iżda d-djalogu interjuri għadu jista' jseħħ u jiftiehem bejn iż-żewġ naħat tal-jien.

F'Mizzi, dan id-djalogu ġewwieni sar impossibli. Il-jien għab. Id-djalogu issa huwa bejn forzi impersonali. Qed iseħħ diskors, iżda t-

termini tiegħu huma mistura. Bħallikieku tħares fil-mera, u l-wiċċ li tara jkun ta' barrani... Għandna żewġ bċejjeċ mużika fl-arja, mingħajr ankri, stakkati minn kwalunkwe ċentru. M'hemmx aktar "suġġett", iżda t-termini tad-djalogu ġew spersonalizzati, oġġettivati u fl-istess ħin eterizzati. Għandna djalogu fi ħdan l-inkonxju kollettiv, u mhux aktar fil-kuxjenza tal-jien. Ninsabu x'imkien 'l hinn mill-jien — iżda dan ix-x'imkien mhux id-dinja traxxendentali ta' Dun Karm.

Kien ikun tabilħaqq interessanti kieku kellna l-ħin nistħarrġu sewwa x'funzjoni għad għandna r-reliġjon fil-poeti l-ġodda. M'għandniex żmien, iżda rrid ingħid għallanqas li mhux kollox huwa negattiv. Anzi Massa kiteb poeżija ta' valur reliġjuż u teoloġikament ortodossa mill-aħjar li għandna bil-Malti. F'Azzopardi u f'Mizzi għandna għallanqas is-sens tal-misteru tal-ħajja u tal-eżistenza. Din hija r-reazzjoni kontra r-razzjonalisti tas-seklu dsatax li kien ġab għall-Insara li kitbu kontrihom ukoll it-tentazzjoni li jippretendu li juru li għal kull problema tal-ħajja u tal-eżistenza kien hemm tweġiba ċara, soluzzjoni b'ċertezza matematika, risposta li ma tisboqx it-raġuni. Iż-żgħażagħ ta' żmienna qed jiskopru mill-ġdid li l-eżistenza hija misteru. Qed jiskopruh kultant fil-biża', kultant fil-ferħ. Huma inċerti, iżda ferħana li jeżisti l-misteru.

Tal-eżistenza tal-misteru huma xhieda l-forom miftuħa tal-poeżija moderna, u din il-forma taqbel mal-kriżi tal-"jien" jew tas-soġġettività li hi l-kriżi ideoloġika ta' żmienna. Fid-dawl ta' din il-kriżi, dawk is-sentenzi li jidhru mibnija mhux skond ir-regoli tal-grammatka u tas-sintassi loġika, jiksbu sens. Dan is-sens mhux bilfors jarah jew jogħġob lil kulħadd. Kif qal San Tumas, is-sbuħija għandha dritt tkun bħas-Sewwa, u s-Sewwa huwa diffiċli biex jinstab. Fil-misteru tal-esistenza, il-kelma hija element mill-aktar profond. Hemm rabta, li mhux il-post li nistħarġu hawn, bejn il-kelma tal-bniedem u l-kelma t'Alla, li hi nixxiegħa mill-aqwa tal-poeżija.